MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 211/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Veronica Cauchi abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Veronica Cauchi [758653(M)]**

**vs**

**Andrew Pisani**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Jannar, 2005 fejn intalab il-hlas ta' elf u tlieta u**

**erbghin lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm1043.21), rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attrici Veronica Cauchi assigurata tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' disa' mija u tmienja u sittin lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm968.21) is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75.00) l-attrici Veronica Cauchi in linea ta' *excess payment,* bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku li sehh fis-27 ta' Frar, 2003 ghall-habta tal-11.25p.m. gewwa Rue D'Argens, Gzira, bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attrici Veronica Cauchi, bin-numru ta' registrazzjoni JAD-813 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni BBD-789, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta' assikuratrici Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` estera American Home Assurance Company, u l-interessi legali mid-data tan-notifika tal-avviz sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**
**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fil-31 ta' Jannar, 2005, fejn intqal illi l-esponenti jirrespingi l-allegazzjonijiet kollha maghmula mill-atturi u kontenuti fl-avviz tat-Talba fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident in kwistjoni kien unikament responsabbli is-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAD-813, ossija Emanuel Cauchi, kawza ta' imprudenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**
**Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-atturi ngunti ghas-subbizzjoni.**

**Semgha x-xhieda ta' Andrew Pisnai, PS513 Anthony Gerada, Anne Marie Fenech, Emmanuel Cauchi u Veronica Cauchi. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti**

**u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-disfensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz. Ra l-verbal tat-28 ta' April, 2005 li fih il-konvenut iddikjara li ma kienx qed jikkontesta il-kwantum tad-danni.**

**Ikkunsidra:**

**1. Il-kaz jirrigwarda kollizzjoni illi sehhet fis-27 ta' Frar, 2003 ghal habta ta' l-11:00p.m., gewwa Rue D'Argens, Gzira, bejn il-vettura JAD-813 misjuqa minn Emanuel Cauchi u l-vettura BBD-789 misjuq mill-konvenut.**

**2. Skond Emmanuel Cauchi, li mieghu kellu lill-martu Verónica Cauchi, hu kien mixi fid-direzzjoni tal-Polyclinic u ried jikser ghal fuq il-lemin. Quddiemu kien hemm il-konvenut. L-attur jghid li xeghel l-indicator biex jidhol ghal go Saint Albert Street u meta gie f'linja ma l-imsemmija triq, il-konvenut f'daqqa wahda kiser ghal fuq in-naha ta' Cauchi.**

**3. Cauchi jghid illi hu kien qed jigbed ghal nofs it-triq bl-intenzzjoni li jikser ghal fuq il-lemin. Jghid ukoll illi naqqas fil-velocita qabel ma beda l-manuvra biex jidhol ghal go Saint Albert Street, pero' il-moviment tieghu kien kontinwu. Jghid ukoll illi minn faccata ma kienx gej traffiku u d-distanza bejnu u bejn il-konvenut kienet ta' xi 15 jew 20 pied.**

**4. Verónica Cauchi tikkonferma li rat lill-konvenut quddiemhom u li din kienet mixta bil-mod hafán jew wieqfa, pero' la ma kellha brake lights mixghulin u lanqas indicator.**

**5. Il-konvenut Andrew Pisan kien ghaddej fl-istess direzzjoni ta' Cauchi, cioe' qed isuq f' Rue D'Argens u ried jidhol go Saint Albert Street. Il-konvenut jghid illi xeghel l-indicator, stenna karroza tal-Pulizija tghaddi mid-direzzjoni opposta u induna bil-vettura tal-attur li kienet warajh, pero' jghid illi kienet diversi metro l-boghod. Hu jghid illi dahar u l-ponta tal-karozza tieghu kienet diga dahlet f'Saint Albert Street.**

**6. Bhala rizultat tal-kollizzjoni l-attrici kellha daqqa fuq quddiem, fuq ir-rota n-naha tax-xellug, filwaqt li l-konvenut kellu daqqa fil-genb ta' wara, in-naha tal-lemin.**

**7. Il-konvenut jghid illi kien hemm brake marks pero' dan il-fatt ma jirrizultax. Jghid ukoll illi kienet ix-xita u dan jirrizulta mir-road accident report.**
**8. Tenut kont ta' dak li ntqal jirrizulta illi z-zewg vetturi riedu jaghmlu l-istess manuvra. Il-vettura tal-konvenut kienet mixta bil-mod, u wiehed seta interpreta din fis-sens illi l-attur setu jibqu ghaddejjin. Pero' it-Tribunal jirrileva illi fic-cirkostanzi u cioe', il-fatt illi kien bil-lejl u wkoll il-fatt li t-triq kienet mxarba, kien jispetta liz-zewg sewwiqa li jsuqu bl-akbar diligenza. L-attur ma jmisux intenta l-manuvra kif ghamel. Filwaqt illi l-konvenut kien bejn konxju tal-vettura tal-attur gejja minn warajh, apparti li hemm dubji jekk dana ghamilx is-sinjali mehtiga. Ghalhekk fic-cirkostanzi t-Tribunal qed isib li l-kollizzjoni sehhet tort taz-zewg sewwiqa fi grad ugwali.**
**9. Id-danni ma humiex kontestati (verbal 28 ta' April, 2005). Ghalhekk in kwantu l-konvenut kien jahti fl-istess grad daqs l-attur ghal incident li sehh, isegwi illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' hames mija wiehed u ghoxrin lira Maltija u sittin centezmu (Lm521.60).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jsib lill-partijiet responsabbli fi grad ugwali ghall-incident li sehh, jikkundanna lill-konvenut ihallas**
**lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija sitta u erbghin lira Maltija u sittin centezmu (Lm446.60) u lill-attur is-somma ta' hamsa u sebghin lira (Lm75). Bl-imghaxijiet legali dekorribbli mil-lum sal-hlas effettiv.**
**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta' assikuratrici Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` estera American Home Assurance Company,ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------